MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Numru. 112/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
LUKE PISCOPO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Luke Piscopo, ta' 19-il sena, bin Peter u Joyce nee' De Giorgio, imwieled Pieta' nhar is-7 t'Awissu 1986, u residenti Danmarville, Triq l-Oratorju, Cospicua, u detentur tal-karta tal-identita' numru 366186(M), u akkuzat talli fis-sighat bikrin ta' nhar id-29 t'Ottubru 2005, gewwa l-Gharghur, minghajr il-hsieb illi joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Jonathan Calleja, liema hsara tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dan permezz ta'

xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez, u dan skond ma’ ccertifika Dr Reuben Grixti MD (Reg 2826) mill-Isptar San Luqa (Art. 64, 214, 216 u 217 tal-Kap 9).

F’kaz ta’ htija, il-Qorti kienet gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Jonathan Calleja u tapplika l-provvedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat wara li l-Qorti akkordatlu zmien ragjonevoli sabiex jirripensa l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-kwerelant fejn huwa hafer lill-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 64, 214, 216, 217 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi l-kwerelant hafer lill-imputat, in vista tal-eta’ giovanili tieghu, in vista tal-fatt illi l-imputat huwa ‘a first offender’, u b’mod partikolari, wara li l-Qorti kellha l-opportunita’ illi tara b’ghajnejha illi l-lacerazzjoni ndikata fl-akkuza halliet marka de minimis ghaliex qeghda proprju fuq it-tarf estrem tal-qarquca tal-widna.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------